MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Numru 6/2003

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Antoine Debattista**

**Il-Qorti**:

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-15 ta’ Lulju 2004 fil-konfront ta’ l-appellant Antoine Debattista wara li dan kien ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-Att ta’ Akkuza migjub mill-Avukat Generali.

L-appellant gie ikkundannat disa’ (9) snin prigunerija (li minnhom ghandu jitnaqqas kull periodu li l-istess Debattista ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati minnu ammessi) u multa ta’ hdax-il elf lira (Lm11,000) konvertibbli fi tnax-il xahar prigunerija f’kaz li ma jithallsux skond il-ligi; dik il-Qorti ikkundannatu wkoll ihallas sitt mija erba’ w sittin lira (Lm664) spejjez peritali, ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati.

L-appellant kien gie akkuzat mill-Avukat Generali b’assocjazzjoni fi traffikar tad-droga “ecstasy” bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta (il-piena mitluba kienet ta’ prigunerija ghal ghmoru, oltre piena pekunjarja u konfiska tal-proprjeta`); bi traffikar ta’ l-imsemmija droga bi ksur ta’ l-istess Kap. 31 (il-piena mitluba kienet hawn ukoll ta’ prigunerija ghal ghomru, oltre piena pekunjarja u konfiska tal-proprjeta`); u, fit-tielet kap, b’pussess, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 101, tad-droga kokajina u raza tal-*cannabis* taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu (piena mitluba l-istess bhall-ewwel zewg kapi). Wara li fl-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2004 l-imsemmi Debattista ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu, u wara li l-Qorti Kriminali semghet kemm lid-difensuri tal-partijiet kif ukoll (bil-gurament) lil George Debattista (missier il-hati) u lis-Supretendent Neil Harrison, hija ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha li, fil-partijiet relevanti taghha ghall-finijiet ta’ dana l-appell, tghid hekk:

“Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

“Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta’ Lulju, 2004, l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

“Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba u tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li

taghmel skond l-artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;

"Tiddikjara ghalhekk lil Antoine Debattista hati talli:-

"1.Ghall-habta ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001), assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta u barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh, jew jittraffika medicina (droga Ecstacy) f'Malta kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta), jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;

"2. talli bejn Mejju w t-tlieta ta' Awwissu tas-sena 2001, minn diversi bnadi f'Malta, fosthom fil-vicinanzi tar-residenza tieghu u minn fejn il-Local Pub gewwa St. Andrews, u, f'diversi okkazjonijiet, mill-karozza Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni CBH 859, biegh jew offra li jbiegh id-droga psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, li huma kontrollati u ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza, b'dan li ghall-finijiet tal-ligi dar-reat jikkwalifika bhala wiehed kontinwat, u dan skond it-tieni kap ta' l-Att tal-Akkuza;

"3. talli fit-3 ta' Awwissu 2001, fir-residenza tieghu, kien fil-pussess xjenti tad-droga kokajina u blokka mdaqqsa ta' raza mehuda mill-pjanta *cannabis* rispettivament bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta), meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza, b'dan li l-pussess kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-tielet kap tal-Att ta' l-Akkuza;

“Semghet ix-xiehda tas-Supretendent Neil Harrison u ta’ George Debattista,  missier il-hati;

“Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li ghal fini tal-piena l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza serva bhala mezz ghal fini biex seta’ jigi kommess ir-reat fit-Tieni Kap;

“Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza seduta stante;

“Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur dwar il-piena;

“Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur, li jinsabu kollha registrati u senjatament, <u>imma mhux biss</u>, is-segwenti :-

“1. illi kien hemm ammissjoni bikrija;

“2. illi l-hati kellu jibbenefika mill-applikazzjoni tal-Artikolu 29 u li anki kien ikkopera biex saru proceduri skond l-Artikolu 30B tal-Kap. 101 u ghalhekk il-hati kellu jibbenefika minn tnaqqis ta’ zewg gradi fuq il-piena preskritta mill-ligi;

“3. li l-hati kien ghad jista’ jixhed kontra Sean Sammut una volta jispicca l-process tieghu;

“4. li fil-kondotta tieghu kellu biss sejbien ta’ htija ta’ sewqan perikoluz, negligenti u bi speed eccessiv u xi kontravvenzjonijiet ohra tat-traffiku u talli kellu harpoon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

“5. illi l-hati kellu tifla mentalment inkapacitata li pero` tiehu hsiebha l-omm naturali taghha;

“6. li l-hati kien gej minn familja sewwa u kien impjegat regolari fin-negozju ta’ missieru;

“7. veru li kien dghajjef u zbalja izda ipprova jirmedja ghal dak li ghamel billi kkopera mal-Pulizija;

“Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur li qal illi l-piena adegwata ma’ kellhiex tkun anqas minn perjodu ta’ bejn tmienja u ghaxar snin prigunerija;

“Ikkonsidrat:

“Li ghalkemm il-piena ghar-reati kollha ammessi mill-hati hija dik ta’ ghomor il-habs, l-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f’xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu u ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista’, minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena;

“Illi inoltre skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hatja, il-kondotta ta’ qabel tal-hatja, il-kwantita` tal-medicina u x-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta’ mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira;

“Illi raguni ewlenija li adduciet id-difiza biex il-piena tigi mitigata fir-rigward kienet il-fatt li l-hati ammetta;

“Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b’xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena;

“Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza “**Il-Pulizija vs. Emmanuel**

**Testa**", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran relattiv mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) li jigbor fih il-prassi tal-Qrati Inglizi fir-rigward u li gie ripetutament citat u addottat mill-Qrati Taghna;

"Ikkonsidrat;

"Qieset ukoll, li anki kif qablu l-Prosekuzzjoni u d-difiza, ir-reat taht l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza serva bhala mezz biex isir ir-reat taht it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza u ghalhekk, ghall-fini tal-piena ghandha tinghata l-piena ghal reat minnhom biss a tenur tal-artikolu 17(h) tal-Kap.9 ;

"Mill-banda l-ohra pero` din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li d-delitti ammessi mill-hati qed ikun ta' pjaga kbira ghas-socjeta` Maltija u ta' kawza ta' rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zghazagh, li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq darhom l-importaturi u traffikanti tad-droga jaghmlu qliegh kbir ta' flus. Illi f'dan il-kaz si trattava ta' tliet tipi differenti ta' droga u cioe` kokaina, raza tal-cannabis u Ecstasy u cioe` ta' blokka raza tal-cannabis ta' 2.025 grammi, 561 pillola ecstacy u 2.450 grammi kokaina (fols. 334 et seq. tal-process);

"Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 120A(1)(f)(2)(a)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avvizi Legali 22/85 [regolament 10(2)], 70/88 u 183/99, l-artikoli 4, 8(a), 9, 10(1), 20, 22(1)(a)(1A)(1B)(2)(a) (i)(aa)(3A)(c)(d), 22A, 22B, 22E, 26(1)(2), 27, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-artikoli 17(b)(h), 18, 20, 22, 23, 31, 492(1) u 533 tal-Kodici Kriminali;

"Tikkundanna lill-hati Antoine Debattista ghall-piena ta' disa' (9) snin prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull perijodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati minnu hawn ammessi – u ghall-multa ta' hdax il-elf lira Maltin (LM11,000), li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum jigu konvertiti fi

tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ sitt mija u erba u sittin lira Maltin (LM664.00c) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli ohra tal-hati;

“Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota – li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum – li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hatja.”

Minn din is-sentenza appella, limitatament naturalment ghall-piena, il-hati Antoine Debattista, permezz ta’ rikors ta’ appell presentat fit-2 ta’ Awissu 2004. Ghalkemm l-appellant jelenka, numerikament, zewg aggravji, dawn fil-fatt jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel Qorti infliggiet piena eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. B’mod partikolari l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ma tatx il-piz dovut ghall-fatt li huwa kien mhux biss indika lil min kien fornih bid-droga, izda kien addirittura ippartecipa f’*controlled delivery* [1] li kienet wasslet ghas-sejba ta’ numru ta’ pilloli *ecstasy* u l-arrest ta’ min kien qed ifornihom (li kienet l-istess persuna li kienet forniet lilu u lil siehbu bil-pilloli meritu ta’ l-ewwel zewg akkuzi odjerni). L-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti erroneament fehmet li huwa kien qed jibbaza t-talba tieghu ghal mitigazzjoni fil-piena principalment fuq il-fatt li

[1] Konsenja u xiri kontrollati huma regolati bl-Artikolu 30B tal-Kap. 101, imsemmi mill-ewwel Qorti f’dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hija elenkat xi whud mis-sottomissjonijiet ta’ l-Avukati difensuri. Dana l-artikolu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward ta’ drogi li jaqghu taht l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha bis-sahha ta’ l-Artikolu 121C tal-Kap. 31.

hu ammetta, <u>mentri hu kien qed jibbaza din it-talba principalment fuq il-fatt li hu kien ikkopera mal-Pulizija u ippartecipa fl-imsemmija *controlled delivery*</u>.

Issa, kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser f'diversi sentenzi taghha, bhala regola hija ma diddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti jekk din il-piena tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn, oggettivament riskontrabbli, x'jindika li din kellha tkun anqas minn dik li effettevament inghatat [2]. Fi kliem iehor, fuq appell dwar il-piena, din il-Qorti, bhala regola, ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive" [3].

Fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li fil-mori ta' l-istruttorja [4] l-appellant ikkopera mal-Pulizija mhux biss billi zvela l-fornitur tad-droga izda wkoll billi ippartecipa f'konsenja kontrollata. Dan jirrizulta mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tas-Supretendent Neil Harrison, moghtija quddiem il-Qorti Kriminali fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2004. F'din id-deposizzjoni l-imsemmi xhud enfasizza li l-appellant kellu rwol determinanti sabiex jinqabad u jigi processat il-fornitur tad-droga. Fi kliem iehor, l-appellant mhux biss ghen lill-Pulizija sabiex taqbad il-persuna li kienet ipprovditilha d-droga – u allura japplika l-Artikolu 29 [5] tal-Kap. 101 – haga li dwarha ma hemmx kontestazzjoni – izda personalment ippartecipa f'konsenja kontrollata. Issa, huwa appena necessarju jinghad li persuna tista' tikkwalifika biex tibbenefika mill-Artikolu 29 billi semplicement tindika ossia tizvela l-fornitur tad-droga – basta, s'intendi, li tali indikazzjoni <u>tkun verament ikkontribwiet sabiex il-Pulizija tkun f'posizzjoni li tressaq lit-traffikant il-Qorti</u> [6] – minghajr il-htiega li tippartecipa

---

[2] Ara, fost ohrajn, ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Borg u John Sultana*** App. Krim. 3/2/05.
[3] ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Zarb*** App. Krim. 15/12/05.
[4] Wara li gie registrat il-verbal li jidher a fol. 373 ta' l-atti ta' l-istruttorja.
[5] Applikabbli fil-kaz tal-Kap. 31 in forza ta' l-Artikolu 120A(2B) ta' l-imsemmi Kap. 31.
[6] Ara ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Borg u John Sultana***, nota *in calce* nru 2, *supra*.

personalment [7] ukoll f'konsenja kontrollata. Tali partecipazzjoni tmur ferm lil hinn minn dak li l-legislatur ippretenda mill-hati sabiex ikun jista' jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena skond l-imsemmi Artikolu 29.

Is-sentenza appellata veru li ssemmi s-sottomissjoni tad-difensuri [8] ta' l-appellant li huwa kien ippartecipa f'konsenja kontrollata, izda hu evidenti mill-istess sentenza li l-ewwel Qorti iffokat biss, ghal dik li hi mitigazzjoni fil-piena, fuq il-fatt li l-appellant, allura akkuzat, kien ammetta l-htija tieghu (kemm fl-istqarrija kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali). Kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, l-ewwel Qorti ghamlitha cara li kienet qed tiffoka biss fuq dan meta qalet testwalment (u, fil-fehma ta' din il-Qorti, erroneament) hekk: *"Illi r-raguni ewlenija li adduciet id-difiza biex il-piena tigi mitigata fir-rigward kienet il-fatt li l-hati ammetta"*. Mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tas-Supretendent Harrison tal-15 ta' Lulju 2004 jidher car li d-difiza riedet tmur oltre s-semplici ammissjoni u fil-fatt enfasizzat – jew, ahjar, ippruvat tenfasizza – il-partecipazzjoni tal-akkuzat fil-konsenja kontrollata. Mill-istess traskrizzjoni jidher li l-ewwel Qorti, presumibbilment ghax kienet preokkupata bil-fatt li s-Supretendent Harrison seta' jizvela xi dettal li jippregudika investigazzjonijiet ohra, bdiet taqta' fil-qasir u ftit li xejn riedet tisma' dwar il-konsenja kontrollata; kull ma jidher li kien jinteressa lil dik il-Qorti kien jekk kienx applikabbli o meno l-Artikolu 29.

Issa, ghakemm huwa veru li t-tnaqqis fil-piena f'kaz li wiehed jizvela l-fornitur tad-droga u jghin biex dan jinqabad fis-sens hawn aktar 'l fuq spjegat huwa regolat bl-Artikolu 29, dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm cirkostanzi <u>ohra</u> li jkunu jirrikjedu li l-Qorti taghtihom attenzjoni u piz partikolari. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, f'dan il-kaz, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, l-ewwel Qorti naqset milli taghti l-piz misthoqq lill-

---

[7] Dejjem taht is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija u bil-kunsens ta' l-Avukat Generali jew ta' Magistrat skond il-ligi.

[8] Jigi rilevat li d-difensuri ta' l-appellant f'dana l-istadju ta' appell ma humiex l-istess zewg difensuri li kellu quddiem il-Qorti Kriminali.

partecipazzjoni ta' l-appellant fil-konsenja kontrollata u ghalhekk kien hemm zball fil-principju.

Mill-banda l-ohra, din il-Qorti trid taghmilha cara li l-margini li fihom hija tista` ticcaqlaq, bhalma kienu l-margini li kellha l-ewwel Qorti, huma limitati. Huwa veru li, jekk wiehed jiehu biss il-piena karcerarja, din hija, fir-rigward ta' l-ewwel zewg akkuzi [9] u bir-riduzzjoni ta' zewg gradi skond l-imsemmi Artikolu 29, ta' minimu ta' sentejn u massimu ta' tnax-il sena prigunerija; pero` mal-piena ghal dawn iz-zewg akkuzi trid tizdied dik fir-rigward tat-tielet akkuza, u f'dan ir-rigward jidhol fis-sehh il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 17 [10] tal-Kodici Kriminali.

Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tilqa' l-appell billi tirriduci, ghalkemm marginalment, il-piena inflitta fuq l-appellant.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti biss fejn ikkundannat lill-appellant Antoine Debattista ghall-piena ta' disa' (9) snin prigunerija u ghal multa ta' hdax-il elf lira (Lm11,000) konvertibbli fi tnax-il (12) xahar prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi, u minflok dawn il-pieni tikkundanna lill-istess Antoine Debattista ghall-piena ta' tmien (8) snin prigunerija (li minnhom ghandu jitnaqqas il-perijodu ta' arrest preventiv li l-istess Debattista ghamel in konnessjoni ma' dawn il-proceduri mill-mument meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja sad-data tas-sentenza appellata), u ghal multa ta' disat elef lira (Lm 9,000), konvertibbli f'sitt xhur [11] prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluza

[9] Li fir-rigward taghhom japplika l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali: *"Meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena l-aktar gravi."*

[10] 17(b): *"Persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta` persunali, tigi ikkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien, b'dan li z-zmien li jinghata ma jiskorrix hamsa u tletin sena."*

[11] Il-konversjoni f'dan il-kaz hija regolata bid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali kif dan kien qabel l-emendi introdotti bl-Artikolu 5 ta' l-Att III ta' l-2002.

ghalhekk il-parti dwar l-ispejjez peritali u l-konfiska tal-proprjeta`.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------